

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 24.3.2010
KUMM(2010)120 finali

2008/0246 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar u fuq l-ilmijiet interni navigabbli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar u fuq l-ilmijiet interni navigabbli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi

1. SFOND

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill (id-dokument COM(2008) 816 finali – 2008/0246 COD): [il-5 ta' Diċembru 2008](#)

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: [is-16 ta' Lulju 2009](#)

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: [it-23 ta' April 2009](#)

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari: [il-11 ta' Marzu 2010](#)

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta, adottata mill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2008, timmira li tistabbilixxi d-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar u fuq l-ilmijiet interni navigabbli sabiex it-trasport tal-passiġġieri bil-vapuri jsir iktar attraenti u titjeb il-kunfidenza fih. Bl-introduzzjoni ta' regoli ġodda, se titjeb il-protezzjoni tal-passiġġieri inġenerali, u b'mod partikolari tal-persuni li għandhom diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Dawn ir-regoli se jistabbilixxu wkoll standards ta' kwalità komparabbli ma' dawk diġà stabbiliti fis-setturi tal-ajru u tal-ferroviji.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proposta tagħha ġiet mibdula b'mod sostanzjali mill-Kunsill fi wħud mill-partijiet tagħha.

L-ewwel nett, il-pożizzjoni tal-Kunsill timmira li teskludi mill-ambitu tal-proposta l-vapuri li jgħorru sa 36 passiġġier u sa 3 membri tal-ekwipaġġ, jew li joffru vjaġġi b'tul sa 500 metru. Barra minn hekk, ġiet introdotta eżenzjoni temporanja addizzjonali - sentejn wara l-applikazzjoni - għal vapuri ta' inqas minn 300 tonnellata gross għat-trasport domestiku, bil-kundizzjoni li l-liġi nazzjonali tipprovdi protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-passiġġieri. Il-

kruċieri li jaqbżu ż-żewġt iljieli biss se jkunu koperti. Dawn l-elementi kollha se jirrappreżentaw limitazzjoni sinifikanti tal-ambitu tal-applikazzjoni.

It-tieni nett, uħud mill-kundizzjonijiet għall-assistenza imposti bil-pożizzjoni tal-Kunsill għandhom l-effett li jnaqqsu xi ftit id-drittijiet tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (PRMs) u li jimponu xi rekwiżiti speċifiċi fuqhom. Barra minn hekk, il-kompromess tal-Kunsill, meta jirreferi għall-obbligu li tiġi pprovduta akkomodazzjoni mingħajr ebda ħlas lil passiġġieri li jitħallew l-art f'każ ta' tħassir jew tluq tard, daħħal distinzjoni ġdida bejn il-kundizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operat tal-vapur (li jeskludu l-obbligu li tiġi pprovduta din l-assistenza) u ċirkustanzi straordinarji (li, għall-kuntrarju, ma jeskludux l-obbligu li tiġi pprovduta assistenza kompluta). Forom oħra ta' assistenza (jiġifieri bukkuni, ikljet u xarbiet) jibqgħu fakultattivi bla kundizzjoni għat-trasportaturi fiċ-ċirkustanzi kollha – anke f'każ ta' kundizzjonijiet tat-temp jew ċirkustanzi straordinarji msemmijin hawn fuq – ħlief jekk il-passiġġier jitgħarraf dwar is-sitwazzjoni meta jixtri l-biljett. Fl-istess ħin, il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkludi ammont massimu ġdid ta' EUR 120 għal kull passiġġier jekk tkun se tiġi pprovduta akkomodazzjoni f'każ ta' dewmien jew tħassir tal-vjaġġ.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill biex ir-Regolament jibda japplika wara tliet snin wara d-dħul fis-seħħ.

4. KUMMENTI DETTALJATI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI ADOTTATI MILL-PARLAMENT EWROPEW

4.1. Emendi tal-Parlament Ewropew aċċettati mill-Kummissjoni u mdaħħla kompletament jew parzjalment fil-pożizzjoni tal-Kunsill

- l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni għas-sikurezza tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa fir-rigward tal-Artikolu 8 li jikkonċerna d-derogi u l-kundizzjonijiet speċjali (l-emenda 29, it-tieni parti);
- l-emenda 30 li tirreferi għall-kundizzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq il-persuni li jakkumpanjaw lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa;
- l-emendi 4, 32, 33, 46, 52, 63, 64 jimmiraw li jissimplifikaw l-użu tal-kliem fil-proposta u jinfurzaw id-drittijiet tal-informazzjoni għall-passiġġieri;
- l-emenda 36 tħassar l-obbligu għat-trasportaturi li jkollhom kontijiet separati għall-attivitajiet relatati mal-assistenza pprovduta lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa;
- l-introduzzjoni ta' kjarifika rigward assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (l-emenda 53, l-ewwel parti);
- l-emenda 57 dwar l-artikolu rigward il-kumpens.

4.2. Emendi tal-Parlament Ewropew aċċettati mill-Kummissjoni imma mhux mdaħħla fil-pożizzjoni tal-Kunsill

- kjarifika tal-premessi (l-emendi 2, 5, 6);

- l-introduzzjoni ta' premessa ġdida li tiċċara r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament propost u liġijiet oħra internazzjonali, Komunitarji jew nazzjonali rigward il-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa (l-emenda 3);
- is-suġġeriment li l-Kummissjoni għandha tipproponi regoli għad-drittijiet tal-passiġġieri f'punti tat-trasferiment tal-passiġġieri bejn trasport ibbażat fuq l-art u fuq l-ilma (l-emenda 7);
- premessa ġdida li tissuġġerixxi approċċ leġiżlattiv orizzontali fuq il-mezzi kollha tat-trasport għall-ġejjieni (l-emenda 8);
- kjarifika lingwistika tal-Artikolu dwar l-ambitu tal-applikazzjoni (l-emenda 9);
- l-introduzzjoni ta' esklużjoni mill-ambitu tal-applikazzjoni tat-trasport urban u suburban jekk l-għanijiet tar-Regolament ikunu żgurati u jiġi garantit livell komparabbli tad-drittijiet tal-passiġġieri (l-emenda 10);
- kjarifika tad-definizzjoni tal-kuntratt tat-trasport (l-emenda 14), l-inklużjoni ta' 'bejjiegħ' fid-definizzjoni tal-operatur tal-ivvjaġġar (l-emenda 16), u definizzjonijiet ġodda għal 'formats aċċessibbli', 'passiġġieri' u 'prezz tal-biljett' (l-emendi 18, 19, 22);
- aċċessibilità mtejba għall-informazzjoni u l-assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (l-emendi 31, 34 u 35);
- il-kjarifika tal-kundizzjonijiet li taħthom għandha tiġi pprovduta l-assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u t-tishiġ tad-drittijiet tal-informazzjoni (l-emenda 38, l-ewwel u t-tielet parti, l-emenda 39, u l-emenda 41, l-ewwel parti);
- speċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom tiġi pprovduta l-assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bil-kruċieri (l-emenda 42);
- kjarifika dwar iż-żmien tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lil parti terza (l-emenda 45);
- kumpens fir-rigward tas-siġġijiet tar-roti u t-tagħmir ta' mobbiltà (l-emendi 49 u 50);
- it- tishiġ tal-obbligi tal-informazzjoni tat-trasportatur f'każ ta' vjaġġ interrott (l-emenda 51);
- ir-rimborż tal-prezz tal-biljett jekk jinħoloq dewmien jew tħassir (l-emendi 54 u 56);
- il-kumpens għall-passiġġieri tal-kruċieri (l-emenda 58);
- l-introduzzjoni tal-kunċett tal-forza maġġuri (l-emenda 60);
- it-tnaqqis tal-kumpens f'każijiet fejn jingħata kumpens addizzjonali skont kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra (l-emenda 61);

- in-nomina u l-kompetenzi tal-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar (l-emendi 62, 65, 66, 67 u 68);
- il-kontenut tar-rapport tal-infurzar (l-emenda 69);
- it-tipi ta' pieni (l-emenda 70);
- it-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (l-emendi 71 u 72).

4.3. Emendi tal-Parlament Ewropew irrifjutati mill-Kummissjoni imma mdaħħla fil-pożizzjoni tal-Kunsill

- it-tħassir tad-definizzjoni tal-vapur tal-passiġġieri ro-ro (l-emenda 17);
- iż-żieda ta' elementi ġodda li jridu jiġu kkunsidrati meta persuni b'mobbiltà mnaqqsa ma jitħallewx jivvjaġġaw (l-emenda 27);
- il-limitazzjoni tal-possibbiltà ta' persuna b'mobbiltà mnaqqsa li tuża kwalunkwe animal ieħor ta' assistenza minbarra kelb (l-emendi 43, 73, 74 u 75);
- il-limitazzjoni tal-partijiet subkuntrattwali li jista' jkun li jittrażmettu notifika għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa f'każ ta' hteġa ta' assistenza (l-emenda 44);
- il-limitazzjoni tal-ispiża tal-assistenza lill-passiġġieri (l-emenda 53, it-tieni parti).

4.4. Emendi tal-Parlament Ewropew irrifjutati mill-Kummissjoni u mhux imdaħħla fil-pożizzjoni tal-Kunsill

- l-emendi 1, 11, 25, 26, 28 u 29, l-ewwel parti li jaffettwaw id-dritt tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jivvjaġġaw;
- il-modifika tad-definizzjoni tal-bejjiġġa tal-biljetti (l-emenda 15) u l-introduzzjoni ta' definizzjonijiet ġodda dwar il-wasla, it-tluq u l-forza maġġuri (l-emendi 20, 21 u 23);
- responsabbiltajiet ġodda għall-korpi ta' ġestjoni tal-portijiet meta jipprovdu assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (l-emenda 37);
- restrizzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom tiġi pprovduta l-assistenza (l-emenda 38, it-tieni parti, l-emenda 41);
- limitazzjoni tal-ġħadd ta' persunal li għandu jiġi mħarreġ biex jipprovdi assistenza lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (l-emenda 48);
- il-kundizzjonijiet tal-ħlas tar-rimborż f'każ ta' dewmien jew tħassir u l-inklużjoni ta' deroga ġdida għall-kumpens (l-emendi 55, 59).

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni hija mħassba sew dwar il-modifiki sostanzjali ħafna introdotti mill-Kunsill meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni u ma' xi emendi tal-Parlament Ewropew, sal-punt li huma jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-ambitu tal-applikazzjoni tal-abbozz tar-

Regolament u għalhekk il-livell tal-protezzjoni tal-passiġġieri tal-UE. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-pożizzjoni adottata mill-Kunsill b'unanimità u tikkunsidra li l-livell ta' ambizzjonijiet għandu jerġa' jogħla b'mod konstruttiv fil-qafas ta' iktar dibattitu interistituzzjonali bil-ħsieb tal-adozzjoni finali tar-Regolament.